*- KOLLIZZJONI – 'QUANTUM' TAD-DANNI –*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 28 ta' Marzu 2001.**

**Kawza Numru. 4**
**Citaz. Numru. 616/95/RCP.**

**George Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` John's Garage Limited.**

**vs**

**Charles Tonna.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi fid-29 ta' LuIju 1994 fil-limiti tal Gudja waqt li l-konvenut Charles Tonna kien qed isuq il-vettura b'numru ta' Registrazjoni Y-2325 imhabba traskuragni u nuqqas kbir ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa habat mal-vettura ta' marka Mercedes numru ta' Registrazjoni Y-1799 propjieta ta Raymond Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta John's Garage Limited u li dak il-hin kienet qed tinsaq minn Henry Myatt.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura ta' Raymond Farrugia nomine ta' marka Mercedes numru ta' Registarzioni Y-1799 garbet hsarat konsiderevoli izda billi din il-vettura kienet assikurata "*comprehensive*" mas-socjeta assikuratrici attrici u billi saret *claim* ma' din l-istess socjeta minn Raymond Farrugia nomine, l-assikurazzjoni halset ghat-tiswija ta' din il-vettura, liema tiswija giet tammonta ghas-somma ta' LM474.57,0 u dana kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Illi s-socjeta, assikuratrici halset wkoll a tenur tal-kundizjonijiet tal-Polza xi amonti ohra dovuti lill-terzi ghas-*Survey* Report (LM7.00,0) u Police Report

(LM3.00,0),u dan wkoll b'konsegwenza ta' dan l-incident u dana kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut tramite l-Assikurazzjoni tieghu interpellat biex jghamel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta assikuratrici attrici, li gew jammontaw ghas-somma ta' LM484.57,0 irriffujta illi jhallas ghal dawn id-danni kella issir din ic-citazzjoni.

L-istess attur nomine talab li l-konvenut, previja kull dikjarazzjoni necessarja, jghid ghaliex m’ghandiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fid-29 ta' LuIju 1994 fil-limiti tal-Gudja bejn il-vetturi misjuqa mill-konvenut u dik misjuqa minn Henry Myatt.

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' LM484.57,0 jew somma ohra verjuri u risultanti minn dan l-incident tat-traffiku okkorrendo bl-opra ta' Periti nominandi

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjes kontra il-konvenut, komprisi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 19 ta' Frar 1995, kif wkoll ittra ufficjali ohra ippresentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti ma’ l-istess citazzjoni attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. L-eccipjent jammetti l-ewwel talba tal-attur noe.

2. Fir-rigward tat-tieni talba, il-*quantum* ta' danni pretiz huwa esagerat stante li ma jirriflettix id-danni realment u materjalment subiti mill-assikurat tal-attur noe fil-kollizjoni *de quo*.

3. L-eccipjent kien dispost ihallas id-danni li huwa realment u materjalment ikkaguna u ghalhekk m'ghandux ibati spejjes.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni a fol 17 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta' Gunju 1995; tal-31 t'Ottubru 1995; tal-11 ta' Novembru 1996; tas-16 ta' April 1997 fejn xehdu Maurice Micallef u Saviour Farrugia; tal-14 ta' Novembru 1997 fejn xehed Charles Tonna; tat-18 ta' Marzu 1998 fejn xehed PS 404 Stephen Micallef; tat-2 ta' Novembru 1998 fejn xehdu Henry Myatt u PS Stephen Micallef; tal-14 ta' April 1999; tal-1 ta' Novembru 1999; tas-27 ta' Marzu 2000 fejn xehed Anthony Farrugia u Dr Bianchi ddikjara li m'ghandux provi aktar; tad-19 ta' Mejju 2000; tal-5 t'Ottubru 2000 u tal-25 ta' Jannar 2001 fejn Dr Zammit McKeon ghall-konvenut iddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Marzu 2001.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li gara fid-29 ta' Lulju 1994 fil-limiti tal-Gudja, fejn waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura Reg No Y 2325 waq li kien qed jirriversja habat mal-vettura ta' marka Mercedes Reg No Y-1799, proprejta` ta' John's Garage Limited u li kienet misjuqa minn Henry Myatt.

Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabilita` ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni, il-konvenut ammetta li kien hu l-bniedem responsabbli ghall-istess. Kwindi, l-vertenza odjerna tirrizolvi ruhha fil-kalkolazjoni tal-*quantum* tad-danni. Il-konvenut, fit-tieni eccezzjoni tieghu, isostni li l-*quantum* ta' danni pretiz huwa esagerat stante li ma jirriflettix id-danni realment u materjalment subiti mill-assikurat tal-attur nomine.

Illi jrid jigi nnutat l-ewwel haga li fir-Road Accident Report (fol 8 u 9 tal-process) fejn gie deskritt l-incident tnizzel li filwaqt li s-sewwieq tat-Transit kien qed jirriversja sabiex jipparkja laqat lill-Mecedes "*on its front left hand side causing slight damage"* u kien proprju l-konvenut li nforma b'dan lis-sewwieq tal-Mercedes.

**III. <u>PROVI.</u>**

Illi l-ewwel ma xehed kien **Maurice Micallef**, *Car Insurance Surveyor* mas-socjeta` attrici, li kien il-persuna li ghamel is-*survey* relattivament ghall-hsara li garrbet il-Mercedes Reg No Y 1799. Huwa esebixxa kopja tas-*survey*, esebita bhala Dok FGC1, u kkonferma li l-hsara elenkata fl-istess, cioe` "*Front chromed grill damaged, left head lamp panel damaged, left head lamp broken, left indicator lamp broken, A/C condenser damaged, A/C pipes*

*damaged".* Huwa qal li s-*survey* igib id-data ta' l-1 t'Awissu 1994; u dan ifisser illi jew is-*survey* sar dak in-nhar stess jew gurnata qabel. Hu ma setghax jikkonferma illi l-hsara li rriskontra fil-Mercedes kienet il-hsara rizultant mill-incident in kwistjoni. Ix-xhud ikkonferma illi l-hsara kienet fuq naha wahda cioe` tax-xellug tal-karozza fil-faccata tal-karozza.

In kontro-ezami qal illi l-karozza kienet ta' Garage Hire u kkonferma illi l-*indicator* tax-xellug ta' quddiem kien miksur. Il-*pipe* ta' l-*air-conditioner* kien proprju wara l-grill li qala' daqqa u gie rinpjazzat.

Illi fix-xhieda tieghu **Saviour Farrugia**, direttur ta' John's Garage u tas-socjeta` sussidjarja illi tesegwixxi r-riparazzjonijiet fil-karozzi ta' proprjeta` ta' John's Garage Limited, qal li l-karozza Y-1799 hi ta' proprjeta` ta' John's Garage Limited. Hu qal li din il-karozza kienet involuta f'incident u issewwiet mis-socjeta` sussidjarja li ssemmiet. Ikkonferma l-kontijiet esebiti bhala Dok MM1, MM2 u li John's Garage Limited hallset is-somma ta' Lm414.57. Din il-karozza kienet mizmuma f'kundizzjoni mill-aqwa u qatt ma kienet involuta f'incident stradali. Ix-xhud qal li waqt laqgha li kellhom, il-konvenut ippretenda illi meta habat gol-Mercedes ma kienx ghamel il-hsara kollha u li qed jippretendu huma. Kien f'dan il-kuntest li semma illi ma kienx ghamel hsara lil *air-conditioner*.

Il-*pipe* ta’ l-*air-conditioner* qieghed wara l-grill u ma tistghax tarah jekk ma zzarmax il-grill.

Il-konvenut **Charles Tonna** ikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Hu qal li ma jistghax ighid illi saret hsara fl-*air-conditioner unit* tal-Mercedes; pero` hu zied li l-grill ma kellux id-daqqa li setghet ghamlet hsara fil-unit peress li bejn il-grill u din il-*unit* hemm spazju bizzejjed biex dan il-unit ma saritlux hsara. Inoltre` xehed illi d-driver tal-karozza assigurata ma kienx mal-karozza, u kien hu li mar jghidlu bl-incident. Illi mbaghad gabu l-Pulizija u flimkien ikkonstataw li l-hsara fil-Mercedes kienet tikkonsisti f’tghatina fix-xibka u li l-majka ta’ l-*indicator* kienet imkissra. Imbaghad is-Surgent irrediga l-isketch li gie ezebit fil-process a fol 10 u x-xhud ikkonferma illi l-posizzjoni tal-karozzi hija kif murija fl-isketch. Illi d-*driver* tal-Mercedes qal lill-Pulizija il-hsara li ra, imbaghad ghamel kif qallu s-Surgent cioe` xeghel l-*indicator*, xeghel il-karozza minn gewwa u fetah il-*bonnet*. Hu jaf illi d-driver telaq mill-ajruport – il-post tal-incident – bin-nies.

Xehed ukoll **PS 404 Stephen Micallef** li gharaf l-isketch u r-*road accident report* esebiti u kkonferma li gew maghmulin minnu u li kien hu l-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz, u l-ezattezza taghhom. Flimkien mieghu kien hemm PC 1259 M Galea li kien stazzjonat l-Ghassa ta’ l-Ajruport Internazzjonali.

Huwa esebixxa kopja ta' l-okkorrenza u ta' l-iskizz relattivi ghall-incident in kwistjoni, kif ukoll tar-*Road Accident Report.* Hu xehed li kien mar mad-driver tal-Mercedes, mal-konvenut u mal-Pulizija li kellu biex jivverifikaw il-hsara pero` ma ftakarx jekk kienx infetah il-*bonnet*. Hu qal li kemm Henry Myatt kif ukoll il-konvenut qablu fuq il-hsarat riportati fil-Mercedes minhabba dan l-incident, u hu kien nizzilha fl-okkorrenza. In kontro-ezami hu qal li hadd ma mar biex jindikalu xi hsara ohra barra dik indikata fl-okkorrenza. Inoltre` zied ighid illi li kieku xi hadd mar ighidlu b'xi hsarat ohra hu kien jaghmel addenda ma l-okkorrenza. Hu xehed li huwa nizzel fl-okkorrenza dak li ra b'ghajnejgh u dak li qablu mieghu Henry Myatt u l-konvenut.

**Henry Myatt** xehed li fiz-zmien tal-incident huwa kien xufier ma John's Garage u kellu assenjata lilu l-karozza in kwistjoni. Dak in-nhar tal-incident il-karozza kienet qeghda tinsaq minnu u kienet f'kundizzjoni tajba. Qabel l-incident hu jaf personalment illi l-*air-condition unit* kien jahdem regolarment. Wara l-incident in kwistjoni huwa fetah il-*bonnet* u kkonstata li l-karozza ma kellha l-ebda ostakolu biex ikun jista' jehodha lejn il-garage – il-fan tar-*radiator* fil-fatt kien ghadu jahdem. Imbaghad halla l-karozza fil-garage. Meta kien sejjer lura lejn il-garage l-*air-conditioner* ma fethux. Hu jaf illi l-*air-conditioner* ghandu l-kompressur tieghu li qieghed

mal-magna u li ghandu r-*radiator* tieghu taht il-fanal fuq ix-xellug tar-*radiator*. Hu qal li fir-rigward tas-*survey report* (Dok FGC1 a fol 40) hemm il-hsara kollha hlief fl-*air-conditioner* liema hsara hija ndikata bil-kliem A/C *condensor*. In-kontro-ezami hu qabel li kien il-konvenut li nfurmah bl-incident. Hu ma setghax ighid meta kienet l-ewwel okkazzjoni qabel dan l-incident illi kien uza l-*air-conditioner* pero` kien jaf illi l-*air-conditioner unit* tal-karozza in kwistjoni kien jahdem. Meta hu fetah il-*bonnet* biex jara dwar il-hsara li setgha kien hemm kien mieghu s-Surgent u l-Pulizija li kien qieghed jassistih, hu ndikalhom il-hsara li kien ikkonstata.

Illi **Anthony Farrugia** xehed li hu jahdem ma' John's Garage u ghandu l-kariga ta' *foreman* fir-rigward tax-xoghol li jsir fil-garage ta' John's Garage. Ix-xoghol li jaghmlu mhuwiex biss ta' *maintenance* imma ta' tiswijja in generali, *panel beating, spray,* u x-xoghol kollu konness ma tiswija ta' karozza. Fis-sena 1994 kellu ezzattament l-istess kariga. Hu qal li kien mas-*surveyor* Micallef meta ghamel is-*survey* u kkonferma li hu dak a fol 7 tal-process. Hu ftakar illi l-Mercedes kellha l-*air-conditioner* iqattar. Hu kkonstata illi l-unit tal-*air-conditioner* kellha *pipe* tal-*aluminium* li kien jikkonnetti l-*air-conditioner* mar-*radiator* tal-istess *air-conditioner* u dan kif jidher illi nghafas bid-daqqa illi kellha l-Mercedes u ghalhekk l-*air-conditioner* unit

kellha tissewwa. Fil-fatt kellu jinbidel biss il-*condenser*.

Huwa xehed li l-karozzi li jkollhom bzonn ta' tiswija generalment ikunu rapportati lilu mid-driver li jkun saq il-vettura meta jkun gara l-incident. F'dan il-kaz gara l-istess pero` d-driver ma kienx qallu li l-*condenser* kellu l-hsara. Pero` ma kien hemm ebda rapport qabel l-incident in kwistjoni li l-*condenser* tal-*air-conditioner* tal-Mercedes in kwistjoni kien bil-hsara. Li kieku kien hekk zgur li kien jigi nfurmat peress li l-*air-conditioner* huwa tant bzonnjuz pero` ma sar xejn minn dan. Huwa sar jaf bil-hsara fil-*condenser* meta sar is-*survey*. Fil-fatt huma setghu jikkonstataw illi dan il-*pipe* tal-*aluminium* tal-*condenser* kien maqrus bid-daqqa li kellha l-karozza.

In kontro-ezami xehed li dak iz-zmien tal-incident John's Garage kellhom flotta ta' 12 il-Mercedes it-tip taghha; kif ukoll 12 ohra ta' tip aktar modern u kollha kellhom *air-conditioner*. Meta gara l-incident hu ma marx l-*airport* biex jara l-entita` tal-hsara, hu raha l-ewwel darba meta sar is-*survey* fuqha. Huwa qal li ma jistghax ighid jekk bejn il-gurnata tal-kollizjoni u l-gurnata li sar is-*survey* il-vettura ntuzatx. Huwa spjega li f'kaz ta' habta l-karozza tittiehed mill-ewwel ghandhom, minghajr ma jkun hemm rapport lill-*Head Office* u dawn jibghatuha lilhom. Sa fejn ftakar hu fil-perjodu tad-29 ta' Lulju 1994 sa l-1 t'Awissu 1994 ma

kellhomx kaz iehor ta' karozza li kellha l-*pipe* tal-*condenser* bil-hsara kif kien dak tal-karozza in kwistjoni. Huwa spjega wkoll illi dan il-*pipe* ikun qieghed wara r-*radiator* u ghalhekk facli illi bid-daqqa jinqaras bil-konsegwenza illi dan il-*pipe* ma jkunx jista' jigi rimpjazzat u allura trid tirrimpjazza l-*condenser* shih bil-*pipe* b'kollox. Kif tgholli l-*bonnet* tarah mill-ewwel. Huwa ra Dok A a fol 5 u 6 tal-process l-ewwel darba fis-seduta.

Illi ghalhekk huwa a bazi ta' tali xhieda u d-dokumenti minnhom esebiti li din il-Qorti trid tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-verocita` tat-talba tad-danni. Illi fl-okkorrenza esebita minn PS 404 Stephen Micallef waqt ix-xhieda tieghu (Dok FGC2 a fol 70 tal-process) il-hsara li giet indikata kienet li l-vettura Y–1799 garrbet hsarat fix-xibka ta' quddiem kif ukoll fl-*indicator* tan-naha tax-xellug li gie mkisser. Illi l-uniku kontestazzjoni min-naha tal-konvenut dwar il-hsara kkawzata hija dwar dik fl-*air-conditioning unit* tal-Mercedes. Huwa sostna fix-xhieda tieghu li bid-daqqa zgur li ma setghetx saret tali hsara li anki l-*bonnet* kien infetah.

Illi pero` din il-Qorti hi sodisfatta mix-xhieda u mill-provi migjuba li effettivament il-hsara fl-*air-conditioning unit* kienet konsegwenza tad-daqqa meta l-konvenut irriversja fuq il-Mercedes. Hareg car mix-xhieda li l-Mercedes mertu tal-kawza odjerna kienet

tinzamm f'kundizzjoni tajba u li qabel l-incident l-*air-conditioner* kien jahdem. Dan irrizulta mix-xhieda tad-driver Henry Myatt, kif ukoll minn dik ta' Anthony Farrugia. Illi kwindi bhala konsegwenza ta' l-incident in kwistjoni l-*air-conditioning unit* garrab hsara. Ghalhekk ladarba l-konvenut ammetta li kien hu responsabli ghad-daqqa ghandu jkun hu li jhallas il-hsara li garrbet il-Mercedes inkluza dik fl-*air-conditioning unit*.

Illi l-attur nomine bhala danni sofferti qed jitlob l-ammont ta' Lm484.57, pero` skond l-ircevuti a fol 42 u 43 tal-process immarkata bhala Dok MM1 u MM2 jammontaw biss ghall-Lm474.57, u ghalhekk l-ammont ta' danni li qed jigi likwidat huwa dak ta' erba' mija, erbgha u sebghin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm474.57).

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut rigward likwidazjoni u l-kundanna ghad-danni u fuq ammissjoni tal-konvenut fuq l-ewwel talba attrici:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fid-29 ta' LuIju

1994 fil-limiti tal-Gudja bejn il-vetturi misjuqa mill-konvenut u dik misjuqa minn Henry Myatt.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' erba’ mija, erbgha u sebghin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm474.57) rizultanti minn dan l-incident.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ erba’ mija, erbgha u sebghin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm474.57).

BI-ispejjez komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 19 ta' Frar 1995, kif wkoll ittra ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fit-8 ta’ Gunju 1995 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta’ Marzu, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**28 ta’ Marzu, 2001**